**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 313/01**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Joseph Cordina)**

**vs**

**Antoinette Zammit ta' 35 sena, mart Alfred, bint Joseph Debono u Carmela nee Tabone, mwielda tal-Pieta' fid-29 ta' Dicembru, 1965, u residenti fl-indirizz 'Our Dream', Triq ir-Rundun, Mosta, detentur tal-karta ta' l-identita' 26066 (M).**

**Illum 2 ta' Novembru, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Antoinette Zammit li giet akkuzata talli f'dawn l-ahhar xhur f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

Minghajr licenzja moghtija mill-Awtorita' kompetenti, ghamlet kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja f'Malta jew minn Malta minghajr licenzja mill-Awtorita' kompetenti u cioe sellfet flus bl-imghax lil diversi persuni. Dan bi ksur ta' l-Artikolu 3 ta' l-Att dwar l-istituzzjonijiet finanzjarji, Att XXII ta' l-1994.

U aktar talli kisret jew naqset li thares xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' l-Att XXII ta' 1994, jew xjentement kienet parti fl-ghemil, jew ipprokurat jew ghenet jew hajret l-ghemil ta' xi reat taht l-istess Att XXII ta' l-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji. Dan bi ksur ta' l-Artiklu 22(1) u 23(2) ta' l-Att XXII ta' l-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji.

Rat l-ammissjoni ta' l-imputata registrata fil-verbal tas-27 ta' Gunju, 2001.

Rat l-artikoli taht liema Antoinette Zammit tista' tinstab hatja mibghuta mill-Avukat Generali fir-rinviju ta' 26 ta' Lulju, 2001.

Rat ukoll li fil-verbal tas-26 ta' Ottubru, 2001 Antoinette Zammit irregistrat li hi ma kellha ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat.

Illi invista ta' l-ammissjoni ta' Antoinette Zammit din qed tinstab hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghha u dan war li rat l-artikoli 3, 22(1), 22(2) ta' l-Att XXII/1994. Dwar il-piena, ikkonsidrat dak li xehed Dr Peter Borg Costanzi (a fol 15-16) ikkunsidrat ukoll li ghalkemm kif xehed l-istess avukat jidher li l-akkuzata ma kinitx qed tifhem l-illegalita' tal-kummerc minnha mmexxi pero' jekk din il-Qorti tinfliggi multa fuqha thoss li tkun biss qed taggrava s-sitwazzjoni taghha aktar fid-dawl tax-xhieda ta' Dr Borg Costanzi li kkonferma l-koperazzjoni ta' l-akkuzata ma' l-istituzzjoni tal-Caritas.

Ikkonsidrat ukoll il-kundizzjoni tal-fedina penali taghha li mhux daqshekk refrattarja, ghaldaqstant anke in vista ta' l-ammissjoni taghha, tapplika l-art. 28A u tikkundannaha ghal sentejn habs sospizi ghal erba' snin.

B'applikazzjoni ta' l-artiklu 28G qeghda tqieghed lil Antoinette Zammit taht ordni ta' supervizjoni ghal zmien sena mil-llum u qeghda tahtar lil Maryanne Zammit bhala Probation Officer ghal dan l-iskop b'dan illi Antoinette Zammit ghandha tobdi kull ordni jew direttiva moghtija lilha mill-Probation Officer.

B’dan ukoll illi Probation Officer ghandha tirraportra bil-miktub lill-Magistrat kull tliet xhur dwar l-andament ta’ Zammit fil-problema li ghandha kif ukoll izzomm kuntatt mal-Caritas ghal dan l-iskop.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.